MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 172/2004

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur kellu relazzjoni ma’ C D u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri E fit-tlettax (13) ta’ Awwissu 2002 skond ic-certifikat tat-twelid anness Dok. JM 1;

Peress illi l-konvenuta qieghda ccahhad lill-attur minn access regolari ghal ibnu bl-iskuza ta’ l-eta’ tenera tat-tarbija;

Peress illi l-konvenuta ma thallix lit-tifel iqatta’ hin mal-ġenituri ta’ l-attur u dejjem iggib diversi skuzi meta dawn

jaghmlu l-ghalmu taghhom biex jaraw il-minuri, b’ hekk qed iccahhad lit-tarbija mill-imhabba tan-nanniet paterni u ggieghel lin-nanniet isofru;

Peress illi l-procedura ta’ medjazzjoni ma tatx frott u b’ dan l-attur huwa fil-liberta’ li jipprocedi skond il-ligi b’ kawza ghall-pretenzjonijiet tieghu. (Dok. JM2)

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghala m’ ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiffissa l-alimenti li l-attur ghandu jghaddi kull xahar lill-konvenuta ghat-tarbija E fis-somma ta’ erbghin lira (Lm40.00);

2. Tiffissa l-granet u l-hin meta l-attur ghandu jkollu access ghal ibnu u tiffissa l-modalita’ ta’ l-access;

3. Tordna li l-minuri E ikollu passaport ghalih.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa mharrka biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi ghar-rigward l-ewwel talba sabiex jigi ffissat manteniment ta’ Lm40 fix-xahar hija ghal kollox baxxa stante li l-konvenuta mhiex qieghda tlahhaq mal-bzonnijiet tat-tarbija, kemm peress li hi ma tahdimx u ghalhekk ma taqlax flus kif ukoll minhabba l-fatt li l-attur jaqla paga tajba u jista’ jaffordja li jzid il-manteniment u minkejja d-diversi talbiet biex izid xorta l-attur baqa inadempjenti;

2. Illi ghar-rigward it-tieni talba tal-access l-attur qieghed jara t-tarbija kuljum billi jhabbat ghand il-konvenuta f’ liema hin irid u jmorru t-tnejn jqattghu sa saghtejn flimkien mat-tarbija u dan qieghed jsir hekk minhabba l-fatt li t-tarbija ghadha ta’ sentejn u dan apparti t-talba tal-konvenuta ghalhekk li jkollha l-kura u l-kustodja tal-minuri;

3. Illi ghar-rigward t-tielet talba ma hemm ebda oggezzjoni li l-minuri E ikollu passaport ghalih basta li jkun mizmum mill-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tikkwantifika r-retta alimentarja mensili dovuta minnu lill-konvenuta ghall-minuri E, it-tifel komuni tal-partijiet, fl-ammont ta' Lm40; u tiffissa l-modalita' ta' access favur tieghu ghal ibnu; u tordna li l-minuri jkollu passaport ghalih.

Minn naha taghha l-konvenuta ssostni li l-ammont ta' manteniment, fuq imsemmi huwa baxx wisq, tenut kont tal-fatt li hi ma' tahdimx, filwaqt li l-attur ghandu paga tajba; issostni wkoll li l-attur ghandu access ghal ibnu kuljum; u ma ssibx ebda oggezzjoni ghat-tielet talba purche il-passaport tal-minuri jinzamm mill-konvenuta.

**Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet, li ma humiex mizzewwgin, ghandhom tifel bl-isem E li twieled fit-13 ta' Awissu 2002, u li llum ghandu sitt [6] snin. Jirrizulta li, wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom, huma kellhom u ghad ghandhom, zewg kwistjonijiet principali li jirrigwardaw, l-manteniment dovut mill-attur ghal ibnu, u l-modalita' ta' l-access tieghu favur ibnu.

**Manteniment**
Illi fil-prezent jirrizulta li l-attur qed ihallas lill-konvenuta s-somma ta' Lm60 fix-xahar ghall-manteniment ta' ibnu u, volontarjament, nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni.

Illi l-attur jahdem bhala radiographer fl-Isptar Mater Dei u mill-P3 esebita minnu jirrizulta li fis-sena 2006 huwa kellu ntrojtu nett ta’ Lm407.42.[1] Minn naha taghha l-konvenuta ma tahdimx u tghix bl-assistenza socjali u b’ kollox, bejn beneficju ta’ single parent, bonuses u children’s allowance, tippercepixxi annwalment is-somma komplessiva ta’ Lm3,037.17

In tema legali jigi osservat li l-manteniment huwa kwantifikat skond il-mezzi u l-introjtu tal-partijiet li t-tnejn ghandhom ir-responsabbilita’ wgwali fit-trobbija u fl-edukazzjoni ta’ l-ulied minuri.

Fil-meritu jigi osservat li, ghalkemm l-attur ghandu introjtu annwali li jippermetti hlas ta’ manteniment akbar minn dak li qed jithallas fil-prezenti, minn naha l-ohra ma jirrizultawx provi li jiggustifikaw il-fatt li l-konvenuta ma tahdimx barra mid-dar u tiggenera ntrojtu ghaliha, multo magis, kunsidrat il-fatt li l-minuri llum ghandu sitt [6] snin u jmur l-iskola.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, u hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet, skritti u verbali tal-partijiet, tiddeciedi, rebus sic stantibus, li l-ammont li ghandu jithallas mill-attur lill-konvenuta bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment tal-minuri E, ghandu jkun ta’ mija tlieta u sittin Ewro [€163] kull erba gimghat pagabbli lill-attrici fir-residenza taghha, oltre nofs l-ispejjez ta’ l-edukazzjoni tal-minuri li jinkludu, l-mizata ta’ l-iskola, uniformijiet, trasport, stationery u attivitajiet extra kurrikulari; kif ukoll nofs l-ispejjez straordinarji relattivi ghas-sahha tal-minuri, filwaqt li spejjez ordinarji ta’ tobba u medicini ghandhom jkunu a kariku tal-konvenuta.

Il-Qorti tordna li l-hlas ta’ nofs l-ispejjez ta’ l-edukazzjoni, u nofs l-ispejjez straordinarji relattivi ghas-sahha tal-minuri, huwa soggetta ghall-kondizzjoni li d-decizjonijiet dwar l-edukazzjoni, inkluza l-ghazla ta’ l-iskola, u s-sahha tal-minuri jittiehdu miz-zewg partijiet konguntivament; u f’ kaz ta’ dizgwid insuperabbli, bl-intervent tal-Qorti. Il-hlas isir versu r-ricevuti jew kontijiet relattivi.

[1] Kellu salarju ta’ Lm5,152.397 gross u allowances ta’ Lm837.357 – fol.221 *tergo*

L-imsemmija retta alimentarja tizdied kull sentejn skond l-indici ufficjali ta’ l-gholi tal-hajja.

**Access**

Illi in propozitu huwa sovran il-principju li l-interessi tal-minuri huma supremi u jipprevalu fuq dawk tal-genituri; u wkoll, li l-minuri f’ hajtu ghandu bzonn il-partecipazzjoni, kemm jista’ jkun attiva, taz-zewg genituri.

Illi hija relavanti l-osservazzjoni li mill-provi ma rrizultax li l-attur huwa persuna rresponsabbli u li mhux affidabbli fejn jidhol it-tifel tieghu; anzi mill-provi jirrizulta l-kuntrarju, kif jevidenzjaw id-dokumenti JC3, JC4 u JC5.[2] Di piu’ il-hegga tieghu, evidenzjata f’ dawn il-proceduri, li jkollu aktar hin biex jigawdi lil ibnu u jistabbilixxi relazzjoni soda mieghu, huwa fattur li jimmilita favur tieghu, u din il-Qorti ma tarax li tezisti raguni valida ghaliex m’ ghandhiex tati lill-attur access estensiv, dejjem tenut kont tas-sitwazzjoni socjali tal-partijiet u ta’ l-eta’ tal-minuri.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti rebus sic stantibus tiffissa s-segwenti modalita’ tal-access favur l-attur ghal ibnu:

Kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis mit-3.00pm sas-7.00 pm, li fil-vakanzi tas-sajf, tal-Milied u tal-Ghid il-hin jestendi sat-8.00pm; u, fil-weekends l-access ikun: gimgha minn nhar ta’ Gimgha fit-3.00 pm sa nhar ta’ Sibt fis-7.00 pm, li fis-sajf il-hin jestendi sat-8.00 pm; u gimgha mis-Sibt 3.00 pm sas-7.00 pm li jestendi sat-8.00 pm fis-sajf, u l-Hadd mid-9.00 am sas-1.00 pm.

L-attur huwa ordnat li matul l-access tieghu huwa jiehu t-tifel l-attivitajiet kollha skolastici u anke extra kurrikulari, kemm il-darba dawn jinsertaw fil-hin ta’ l-access tieghu.

[2] Vol.1 – fols.157, 158 u 159

Illi fil-birthday tal-missier u tat-tifel, jekk dawn ma jikkoncidux ma’ l-access tieghu, hu jkollu access mil-4.00pm sat-8.00pm.

Illi fil-Milied u fl-Ewwel tas-Sena l-access tal-missier ikun mit-3.30 pm sas-7.30 pm, u mid-9.30 am sat-3.30 pm, b’ mod alternat. Fl-Ghid l-access ikun mit-3.00pm sas-7.30 pm.

Illi fil-vakanzi tal-Milied, ta’ l-Ghid u tas-Sajf, il-minuri ghandu jqatta’ gimgha shiha kull darba, ma’ l-attur, b’ kollox tlett gimghat fis-sena.

Inoltre, tenut kont tal-fatt li t-tifel ghadu zghir, hadd mill-partijiet m’ ghandu jesponih ghall-prezenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost li ma jkunux parentati mal-parti rispettiva; izda dan ma japplikax ghall-mara ta’ l-attur jew ir-ragel tal-konvenuta, talvolta li dawn jkunu mizzewegin.

Illi l-Qorti, anke mill-intensita’ tal-kontestazzjoni, hija konvinta li z-zewg genituri jhobbu hafna lit-tifel komuni taghhom; u, ghalhekk tissollecita lill-istess partijiet, sabiex jevitaw piki u glied inutili dwar kwistjonijiet fuq it-tifel taghhom, li jistghu facilment jigu solvuti bonarjament - ghal-gid primarju tat-tifel li izjed ma jikber izjed ihoss l-animozita’ li tkun tezisti bejn il-genituri tieghu, kif ukoll ghall-gid ta’ l-istess partijiet li ghandhom jikkoncentraw il-forzi taghhom fuq il-futur tat-tifel, u taghhom ukoll.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba limitatament fis-sens kif fuq stabbilit that is-sezzjoni ntestata “Manteniment”;

[2] tilqa’ t-tieni talba limitatament u fis-sens kif fuq stabbilit that is-sezzjoni ntestasta “Kura u Kustodja”;

[3] tilqa’ t-tielet talba, bil-kundizzjoni li l-passaport jinzamm ghand il-konvenuta, u tordna li hadd mill-partijiet ma jiehu lit-tifel barra minn Malta, minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra; jew fil-kaz ta’ dizgwid, bl-intervent tal-Qorti.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------